MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 425/2007

Kawza fil-lista: 35

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-kontendenti kkuntrattaw zwieg bejniethom nhar l-20 ta' Dicembru 2003, skond kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg taghhom illi kopja tieghu qed tigi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. A, u minn dan iz-zwieg twieldet tifla, D B, nhar il-11 ta' Settembru tas-sena 2000;

2. Illi z-zwieg tal-kontendenti tfarrak u tkisser irrimedjabilment minhabba ragunijiet rikonoxxuti fil-Ligi, fosthom ingurji, sevizzi, eccessi, minacci u adulterju, kommessi mill-konvenuta, kif ukoll minhabba inkompatibilita' serja ta' karattri;

3. Illi l-esponenti kien awtorizzat jipprocedi b' din l-istanza permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 23 ta' Marzu 2007 illi kopja tieghu qed tigi annessa ma' dan ir-Rikors u esebita u mmarkata bhala Dok. B kif debitament renovat permezz tad-Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tas-27 ta' Settembru 2007, li kopja tieghu hi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. C;

4. Illi l-kontendenti ilhom de facto separati mid-19 ta' April 2005, meta l-konvenuta abbandunat il-fond matrimonjali, u lil minuri D, illi baqghet fil-kura assoluta ta' l-esponent, sabiex tmur tghix ma' persuna tas-sess oppost, certu Lee, kunjomu mhux maghruf, fl-indirizz 31, Triq Birkirkara, San Giljan;

5. Illi minn dak iz-zmien l' hawn, il-konvenuta intratteniet bosta relazzjonijiet adulterji ma' rgiel differenti, u qatt ma rritornat fil-fond matrimonjali, jew ikkontribwiet ghat-trobbija tal-minuri D;

6. Illi minkejja diversi tentattivi da parti ta' l-esponenti sabiex tintlahaq separazzjoni bonarja bejn il-kontendenti, dan ma kienx possibbli minhabba l-attitudni u l-prokrastinar tal-konvenuta u ghalhekk kellhom isiru l-prezenti proceduri;

7. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza ta' l-esponenti.

8. Illi l-prezenti proceduri qieghdin isiru sabiex tigi dikjarata s-separazzjoni personali *a mensa et thoro*, bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-Ligi, u sabiex jigu kkomminati fil-konfront tal-konvenuta d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 et seq tal-Kodici Civili.

Ghaldaqstant l-attur, in vista ta' dak kollu fuq premess, jitlob lil konvenuta tghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro*, bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti mil-Ligi, imputabbli lil konvenuta;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri D lill-attur, bi dritt ta' access f' hinijiet fissi ghall-konvenuta kif jigi stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti;

3. Tiffissa retta alimentari xierqa pagabbli mill-konvenuta lill-attur ghall-minuri msemmija u tordna illi tali retta alimentari ghandha tkun soggetta ghaz-zieda ta' l-gholi tal-hajja, u ghandha tinqata' mill-paga jew salarju tal-konvenuta kull fejn dina tista' tkun qieghda tahdem u tigi mhallas direttament lill-attur gewwa r-residenza tieghu;

4. Tillikwida u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

5. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuta ddekadiet minn sehemha fil-komunjoni ta' l-akkwisti jew minn dik il-parti wara d-data illi dina l-Onorabbli Qorti tistabbilixxi bhala d-data ta' meta l-konvenuta rrendiet ruhha hatja tal-firda, u konsegwentement tapplika l-effetti ta' l-Artikolu 48 et seq tal-Kodici Civili kontra l-istess konvenuta, u favur l-attur u konsegwentement tiddikjara illi l-konvenuta tilfet il-jeddijiet imsemmijin fl-Artikoli 631 u 633 tal-Kodici Civili, kif ukoll dak kollu illi kienet kisbet b' donazzjoni bi hsieb ta' zwieg jew wara z-zwieg jew b' titolu iehor gratwitu, minghand l-attur, illi ghalhekk ghandu jigi ritornat lilu, kif ukoll kull jedd ghal nofs ta' l-akkwisti illi saru l-iktar bil-hidma ta' l-attur wara data stabbilita minn dina l-Onorabbli Qorti bhala d-data meta l-konvenuta rrendiet ruhha hatja tal-firda, liema akkwisti ghandhom jibqghu kollha ghall-attur, u tiddikjara inoltre illi l-konvenuta ddekadiet mid-dritt illi titlob manteniment mill-attur;

6. Tenut kont ir-raba' u l-hames talba, ta' kull kreditu parafernali ta' l-attur, tiddividi l-assi kollha appartenenti lil

komunjoni ta’ l-akkwisti, f’ ishma illi mhux necessarjament ikunu ugwali, u tassenja sehem wiehed lil kull wiehed mill-partijiet;

7. Tassenja lill-attur il-beni parafernali tieghu u tordna lil konvenuta illi tirritorna lill-attur dawk il-beni parafernali tieghu illi jkunu jinsabu fil-pussess taghha, jew tirrifondi lilu l-valur ta’ l-istess (illi ghandu jigi stabbilit, occorrendo bl-opera ta’ periti nominadi) f’ kaz illi r-ritorn taghhom ma jkunx jista’ jigi affettwat;

8. Prevja kull dikjarazzjoni rikjesta skond il-Ligi, tiddeciedi illi l-attur ghandu jkollu d-dritt illi jibqa’ jghix fid-dar matrimonjali tal-kontendenti wara li tigi ppronunzjata s-sentenza minn dina l-Onorabbli Qorti flimkien mal-minuri u ad eskluzjoni tal-konvenuta, u dan ai termini ta’ l-artikolu 55A tal-Kodici Civili;

9. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci;

10. Tawtorizza lill-attur illi jirregistra s-sentenza ta’ dina l-Qorti fir-Registru Pubbliku ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa’ minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuta debitament intimata ghazlet li tibqa’ kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti s-separazzjoni personali minn ma’ martu l-konvenuta, minhabba li z-zwieg taghhom tkisser irremidjabbilment ghar-ragunijiet imputabbli lill-istess

konvenuta u kontemplati fl-artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Separazzjoni Personali**
Illi jirrizulta mhux kontraddett li l-partijiet izzewwgu fl-20 ta’ Dicembru 2003, u minn dan iz-zwieg ghandhom tifla bl-isem ‘D’ li twieldet fil-11 ta’ Settembru 2000.

Illi ftit wara z-zwieg il-konvenuta dahhlet f’ relazzjoni adultera ma’ ragel XY, identifikat b’ ismu, u anke ghamlet xi zmien tikkoabita mieghu. L-attur jghid li matul il-konvivenza matrimonjali l-konvenuta kienet tohrog bil-lejl “ma shabha” u tidhol id-dar fil-5.00 am. Fis-19 ta’ April 2005 hija telqet mid-dar konjugali, filwaqt li t-tifla baqghet tghix ma’ l-attur.

Illum il-gurnata t-tifla tghix ma’ l-attur, filwaqt li l-konvenuta tezercita l-access circa darbtejn fil-gimgha.

Illi mill-kwadru premess jirrizulta l-adulterju kontemplat fl-artikolu 38, da parti tal-konvenuta, li flimkien mal-hrug taghha bil-lejl, wasslu ghat-tkissir irrimedjabbli tal-hajja konjugali ta’ bejn il-partijiet.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba ghas-separazzjoni personali ghandha tigi milqugha, u dan bi htija unika tal-konvenuta; liema htija tattira maghha l-applikazzjoni fl-intier tieghu ta’ l-artikolu 48 tal-Kap. precitat.

**Kura u Kustodja**
Illi f’ dan il-kaz ma hemmx dubju li l-interessi tal-minuri jiddettaw li dina tibqa’ tghix ma’ l-attur li allura qed jigi fdat bil-kura u kustodja esklussiva tat-tifla D; filwaqt li l-konvenuta jkollha access ghall-istess minuri darbtejn matul il-gimgha saghtejn kull darba, kull nhar ta’ Tnejn u nhar ta’ Erbgha, u darba fil-weekend is-Sibt jew l-Hadd, b’ mod alternat, mid-9.30 am sas-6.00 pm.

**Manteniment**
Illi l-Qorti tosserva li, ghalkemm l-attur jghid li skond digriet ta’ din il-qorti u li ma giex esebit il-konvenuta kienet giet

ikkundannata thallas pendente lite s-somma ta' Lm120 lill-attur bhala l-manteniment taghha ghat-tifla, il-provi in propozitu huma skarsi, u l-attur strah biss fuq dak allegat minnu, li pero' ma giex kontraddetta mill-konvenuta.

Illi fic-cirkostanzi, il-Qorti f' dan il-gudizzju ser tillimita ruhha billi tafferma l-obbligu tal-konvenuta li tikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri, filwaqt li tiddecidi dwar il-quantum ta' l-ammont dovut, wara li l-attur jressaq provi ulterjuri f' dan ir-rigward, inkluza lill-istess konvenuta biex tixhed dwar is-sitwazzjoni taghha fil-bidu tal-proceduri, u llum.

Illi ghall-ahjar intendiment ta' din il-parti tal-gudizzju, il-Qorti, fl-interess tal-minuri, ser tordna li jitkomplew il-provi sabiex jigi stabbilit l-ammont fuq indikat li huwa ntiz ghal bzonnijiet ta' l-istess minuri

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
Illi din tikkonsisti bi proprjeta' immobbli u cioe' il-fond 49 Triq il-Gobon, Birkirkara li mxtrat biex isservi bhala d-dar matrimonjali.

*Id-Dar Matrimonjali*
Illi permezz ta' kuntratt[1] ta' self u komprovendita ppubblikat minn Nutar Joseph Abela fid-9 ta' Lulju 2003, il-partijiet xtraw il-fond fuq indikat versu l-prezz ta' Lm12,250, u sselfu ghal dan il-ghan is-somma ta' Lm14,750 li l-partijiet ftehim bejniethom li jhallsu b' ripagamenti ta' Lm80 fix-xahar.

Illi mill-provi jidher li l-konvenuta kienet waqfet hesrem thallas sehemha mill-loan, tant li f' Settembru 2007 il-bank [HSBC] kien informa[2] lill-attur li fit-12 ta' Settembru 2007 kien hemm arretrati fl-ammont ta' Lm158, u b' ittra

[1] Fol.41
[2] Ittri fol.56 u 57

sussegwententi l-attur gie nformat li kien ghad hemm arretrati sal-16 ta' Ottubru 2007. Il-bank ammonixxa li kien ser jiehu proceduri legali minhabba dawn l-arretrati. Konsegwentement, l-attur kien accetta[3] li jhallas l-arretrati kollha dovuti, fl-ammont ta' €545.08 rapprezentanti sehem il-konvenuta mir-ripagamenti tal-loans.

Illi l-bilanc tal-loan f' Jannar 2008 kien ta' LM13,118.56.[4]

Illi skond stima[5] mahruga mill-Perit William Lews fit-12 ta' Dicembru 2006, il-fond ghandu market value ta' LM15,000.

Illi fid-dawl tal-fatt li r-ripagamenti tal-loans qed jhallashom l-attur, u li dan kien hallas ukoll sehem il-konvenuta li kienet waqqfet thallas fis-sena 2007, kif ukoll fid-dawl tal-fatt li fuq il-post ghad hemm bilanc sostanzjali x' jithallas li kwazi jlahhaq il-valur ta' l-istess fond; l-attur qed jitlob li sehem il-konvenuta mill-imsemmi fond jigi assenjat lilu, bl-obbligu da parti tieghu li jhallas id-dejn kollu gravanti l-istess fond.

Di piu' l-attur, in linea ta' ekwiparazzjoni, qed jaccetta li ma jinsistix ghall-arretrati ta' manteniment dovuti lilu mill-konvenuta skond id-digriet tat-13 ta' Novembru 2007 li kif spjegat fin-nota tieghu jammontaw ghal LM630. Inoltre, l-attur ma jibqax jinsisti li l-konvenuta thallas sehema mill-kontijiet tad-dawl u ilma ammontanti ghal Lm43.66; kif ukoll ghar-rifuzjoni ta' l-arretrati ta' pagamenti tal-loan imhallsa minnu u rapprezentanti sehem l-attrici, ammontanti ghas-somma ta' €545.48 [Lm234.17].

*Oggetti mobbli*

Illi l-attur jghid li l-konvenuta ghandha il-karrozza Toyota Starlet numru LCF 114, proprjeta' parafernali taghha; filwaqt li hu m' ghandux karozza, stante li kien habat biha u giet skrappjata. Ghalhekk jghid li ma hemmx oggetti mobbli.

---

[3] Ittra fol.63

[4] Fol.58 *et seq.*

[5] Fol.65 *et seq.*

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenuta;

[2] tilqa' t-tieni talba, fil-limiti u kif fuq stabbilit u ordnat, fis-sezzjoni ntestata "Kura u Kustodja";

[3] tilqa' t-tielet talba limitatament billi tafferma l-obbligu tal-konvenuta li tikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri D; filwaqt li tirrizerva li tipprovdi dwar il-quantum fi stadju ulterjuri, wara li tkun semghet provi ulterjui in propozitu;

[4] tilqa' ir-raba u s-sitt talba u xxolji u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti u tassenja lill-attur is-sehem tal-konvenuta fil-fond 49 Triq Ghar il-Gobon Birkirkara b' mod li dan il-fond jigi jappartjeni lill-attur fl-intier tieghu; bl-obbligu ta' l-attur li jaghmel tajjeb ghad-dejn kollu gravanti l-istess fond.

Inoltre, bhala ekwiparazzjoni ta' dak dovut lill-konvenuta f' dan ir-rigward, l-attur qed jassumi fuqu d-dejn relattivi ghall-kontijiet tad-dawl u ilma, qed jirrinunzja ghall-pretensjoni tieghu li jitlob ir-rifuzjoni ta' l-arretrati mhallsa minnu fuq id-dejn tal-post, kif ukoll ghal pagament tal-manteniment arretrat dovut lilu;

[5] tilqa' il-hames talba, u tapplika kontra l-konvenuta fl-intier tieghu l-artikolu 48 tal-Kap.16;

[7] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba' talba, stante li ma ngabux provi in propozitu;

[8] tilqa' it-tmien talba;

[9] tichad id-disa' talba, stante li hija superfluwa;

[10] tilqa' l-ghaxar talba;

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta, hlief dawk relattivi ghat-talbiet numri seba' [7] u disa' [9] li ghandhom jibqghu a kariku ta' l-attur.

Tordna l-prosegwiment tal-kawza rigward it-tielet talba li tirrigwarda l-quantum tal-kontribut tal-manteniment ghat-tifla, li ghandha thallas il-konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------